TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 239/16/F

**Samuel Camilleri**

**vs**

**MBL Garage Door Solutions**

Illum 25 ta' Lulju, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-19 ta' Diċembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' disa' mija u sebgħin ewro (€970), rappreżentanti prezz ta' *fixed garage door* fil-propjeta' tar-rikorrenti, liema bieb tal-garaxx huwa ta' kwalita' inferjuri ħafna.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tlett darbiet ma dehritx għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna bieb tal-garaxx mingħand is-soċjeta' ntimata u wara li saret l-installazzjoni, irriżulta li l-bieb huwa ta' kwalita' inferjuri ħafna u li għandu diversi difetti.

It-Tribunal, ħa konjizzjoni wkoll tar-rapport tal-Perit Patrick Refalo (Architect, Civil and Structural Engineer), fejn ikkonkluda rendikont dettaljat tas-sitwazzjoni tal-bieb tal-garaxx, fejn ikkonkluda li huwa ta' kwalita' inferjuri u li għandu ħafna difetti.

It-Tribunal jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli, u kif ukoll jinnota illi l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub u lanqas attenda għas-seduta, u għalhekk ma kkontestax din it-talba.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' disa' mija u sebgħin ewro (€970), u b'dan illi l-bieb tal-garaxx jiġi propjeta' tal-intimat wara li jsir il-ħlas u f'każ li ma jiġix biex jaqilgħu fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal, ir-rikorrenti huwa awtorizzat biex jaqilgħu u jikkonsenjah lill-intimat, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**